A.L. 78 ta' l-2006

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

ATT DWAR IS-SIGUREZZA TAL-PRODOTTI (KAP. 427)

Regolamenti ta' l-2006 dwar Limitazzjoni ta' Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi Volatili (Żebgħa, Verniċi u Prodotti ta' Rifinitura tal-Vetturi)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 3, 9 u 28 ta' l-Att Dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent ta' l-2001, u bl-artikolu 38 ta' l-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u l-Ministru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 dwar Limitazzjoni ta' Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi Volatili (Żebgħa, Verniċi u Prodotti ta' Rifinitura tal-Vetturi).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Avviż magħmul skond is-subregolament (2) ta' dawn ir-regolamenti jista' jagħmel dawk id-dispożizzjonijiet transitorji li jkunu jidhru lill-Ministru li jkunu meħtieġa jew spedjenti in konnessjoni mad-dispożizzjonijet li jkunu qegħdin jinġiebu fis-seħħ.

(4) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jillimita l-kontenut totali ta' KOV f'ċerta zebgħa jew verniċ u *vehicle refinishing products* biex jipprevjenu jew inaqqsu t-tniġġis fl-arja mill-ożonu fit-troposfera minħabba l-kontribut ta' l-emmissjonijiet ta' KOV.

(5) Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-prodotti mniżżla f'Anness I.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xorta oħra:–

"l-awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità jew l-awtoritajiet jew korp jew korpi maħtura mill-Ministru permezz ta' avviż fil-Gazzetta*;*

"jitqiegħed fis-suq" tfisser tagħmel disponibbli għal terzi, kemm bi tpartit bi ħlas jew mingħajr dan. L-importazzjoni fit-territorju tad-dwana tal-Komunità għandha titqies bħala tqegħid fis-suq għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"kisi" tfisser kull preparat, inkluż kull solvent organiku jew preparati li jkun fihom solventi organiċi li huma meħtieġa għall-applikazzjoni korretta tiegħu li jintuża biex jipprovdi lega li għandha effett dekorattiv, protettiv jew funzjonali ieħor fuq il-wiċċ ta' l-oġġett;

"komposti organiċi" tfisser kull kompost li ta' l-anqas ikun fih il-karbonju u wieħed jew aktar minn: idroġenu, aloġenu, ossiġnu, kubrit, fosfru, silikon jew nitroġenu bl-eċċezzjoni ta' l-ossidi tal-karbonju u ta' karbonati u bikarbonati inorganiċi;

"komposti organiċi volatili" jew "KOV" tfisser kull kompost organiku li jibda jagħli meta t-temperatura tkun ta' 250°C jew anqas fi pressjoni atmosferika ta' 101.3kPa;

"kontenut ta' KOV" tfisser il-massa ta' komposti organiċi volatili espressa fi grammi kull litru *(g/l),* fil-formulazzjoni ta' prodott meta jkun lest biex jintuża. Il-massa ta' komposti organiċi volatili fi prodott partikolari li waqt li qiegħed jinxef jirreaġixxu b'mod kimiku sabiex ikunu parti mill-kisi ma titqiesx bħala parti mill-kontenut ta' KOV*;*

"lega" tfisser saff kontinwu li ġej minn applikazzjoni ta' passata waħda jew aktar fuq sottostrat;

"preparati" tfisser taħlita jew soluzzjoni magħmula minn żewġ sustanzi jew aktar;

"*solvent-borne coatings* (SB)" tfisser kisi li l-viskożità tagħhom tista tiġi aġġustata bis-solvent organiku;

"solvent organiku" tfisser kull KOV li jintuża' waħdu jew flimkien ma' aġenti oħra sabiex iħoll jew jiddilwixxi materja prima, prodotti, jew materjali ta' skart jew li jintuża' bħala aġent

ta' tindif sabiex iħoll kontaminanti, jew bħala mezz ta' dispersjoni, jew biex jaġġusta il-viskożità jew bħala *surface tension adjuster,* jew *plasticiser,* jew preservattiv*;*

"sustanzi" tfisser kull element kimiku u l-komposti tiegħu, kif jinsabu fl-istat naturali tagħhom jew kif jiġu prodotti mill-industrija, u sew jekk ikunu solidi jew likwidi jew gassijiet;

"*water-borne coatings* (WB)" tfisser kisi li l-viskożità tagħhom tista' tiġi aġġustata bl-ilma;

Htiġijiet.

3. (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-prodotti mniżżla fl-Anness I ma jitqegħdux fis-suq wara d-dati stabbiliti fl-Anness II jekk dawn ma jkollhomx kontenut ta' KOV li jkun daqs il-valuri limitu mniżżla fl-Anness II jew anqas u li jkunu skond il-provvedimenti tar-regolament 4.

(2) Sabiex jiġi stabbilit jekk il-kontenut tal-KOV ma jaqbiżx il-valuri limitu mniżżla fl-Anness II, għandhom jintużaw il-metodi analitiċi mniżżla fl-Annes III.

(3) Għall-prodotti mniżżla f'Anness I, fejn solventi jew komponenti li fihom solventi għandhom jiżdiedu sabiex il-prodott ikun tajjeb għall-użu, il-valuri limiti mniżżla fl-Annes II għandhom japplikaw għall-kontenut ta'KOV tal-prodott meta dan ikun lest għall-użu.

(4) Bħala eċċezzjoni għall-provvedimenti tas-subregolament (1), il-prodotti mibjugħa għall-użu esklużiv f'attività koperta bir-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Limitazzjoni ta' Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi li Jiżvintaw, u li ssir f 'installazzjoni reġistrata jew awtorizzata skond ir-regolamenti 3 u 4 ta' dawk ir-regolamenti, huma eżenti mill-provvedimenti msemmija hawn qabel.

A.L. 225 ta' l-2001.

(5) L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza liċenzji individwali għall-bejgħ u x-xiri, fi kwantitajiet limitati, ta' prodotti li ma jkunux skond il-valuri limitu mniżżla fl-Anness II, għall-iskop ta' restawr u manutenzjoni ta' bini u vetturi antiki, skedati mill-awtorità kompetenti bħala li għandhom valur storiku u kulturali partikolari.

(6) Il-prodotti li jaqgħu taħt l-iskop ta' dawn ir-regolamenti u li jidhru li ġew prodotti qabel id-dati stabbiliti f'Anness II u li ma jkunux skond dak li hu meħtieġ fis-subregolament (1) jistgħu jitqegħdu fis-suq għall-perjodu ta' 12 il-xahar wara d-data li fiha r-regolament li japplika għal dak il-prodott partikolari jkun daħal fis-seħħ.

Tabelli.

4. (1) l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-prodotti mniżżla f'Anness I ikollhom tabella meta dawn jitqegħdu fis-suq. It-tabella għandha tindika:–

(a) is-subkategorija tal-prodott u l-valur limitu tal-KOV partikolari fi *g/l* kif imniżżla f'Anness II;

(b) il-kontenut massimu ta' KOV fi *g/l*, fil-prodott meta dan ikun lest għall-użu.

Monitoraġġ.

5. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi programm ta' monitoraġġ biex tiżgura li l-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti jiġu mħarsa.

Ċirkolazzjoni libera.

6. It-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jaqgħu taħt l-iskop ta' dawn ir-regolamenti u li, meta huma fl-istat li jkunu lesti għall-użu, ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti ma jistgħux ikunu projbiti, ristretti jew imfixkla milli jitqiegħdu fis-suq minħabba f'xi provvediment mniżżel f'dawn ir-regolamenti.

Reati taħt dawn ir-regolamenti.

7. Persuna tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti jekk:–

(a) tonqos milli tħares xi ordni leġittima mogħtija skond il-liġi u skond xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) tassoċja ruħha jew tittanta tassoċja ruħha ma' xi persuna jew tgħin, jew tħajjar, lil xi persuna oħra b'liema mezz, ikun inkluż ir-reklamar, l-għoti ta' parir jew ħlas ta' flus biex tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli tħares xi dispożizzjoni tagħhom, inkluż kull ordni mogħtija leġittimament skond xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawk ir-regolamenti.

Pieni.

8. Min jagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti jista', meta jinsab ħati, jehel:-

(a) għall-ewwel darba multa ta' mhux anqas minn ħames mitt lira iżda mhux iżjed minn elf lira;

(b) meta jinsab ħati t-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux anqas minn elf lira, iżda mhux iżjed minn elfejn lira, jew

għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien;

Iżda meta persuna tinsab ħatja li tkun għamlet reat taħt dawn ir-regolamenti bl-użu ta' vettura, sid dik il-vettura, meta dan ikun japplika, jitqies li jkun responsabbli bl-istess mod u bl-istess qjies;

Iżda ukoll il-Qorti għandha tordna lill-persuna li tkun instabet ħatja li għamlet reat kontra dawn ir-regolamenti tħallas għall-ispejjeż imġarrba mill-entitajiet pubbliċi u, jew mill-persuni mqabbda minnhom li jkunu nvoluti fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, u biex tiġi rranġata l-ħsara ikkawżata fl-ambjent b'riżultat ta' dak ir-reat, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-Pulizija u l-konfiska tal-*corpus delicti*.

Applikabiltà tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

9. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 u tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għall-proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli l-persuna jkollha jew tikseb liċenzja, permess jew awtorità m'għandha f'ebda każ tkun għal inqas minn sena.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) skond ma jista' jkun il-każ, u għandhom ikunu skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-Qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' Appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.

ANNESS I

SKOP

1. Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, żebgħa u vernić ifissru prodotti mniżżla fis-subkategoriji hawn taħt, li jeskludu l-*aersosols*. Huma kisi li jintużaw għall-bini, inkluż it-*trimming* u *fittings*, u strutturi assoċjati magħhom bi skopijet dekorattivi, funzjonali u protettivi.

1.1. Subkategoriji:

a) 'kisi matt għal ħitan u soqfa ta' ġewwa' tfisser kisi maħsub għal ħitan u soqfa ta' ġewwa fil-grad ta' *gloss* ≤ 25@60°.

b) 'kisi *glossy* għal ħitan u soqfa ta' ġewwa' tfisser kisi maħsub għal ħitan u soqfa ta' ġewwa fil-grad ta' gloss > 25@60°.

c) 'kisi għal ħitan ta' barra ta' sottostrat minerali' tfisser kisi maħsub għal ħitan ta' barra tal-ġebel, briks jew *stucco*;

d) 'zebgħa ta' *trim* u *cladding* ta' ġewwa / ta' barra għall-injam, metall jew plastik' tfisser kisi maħsub għal *trim* u *cladding* li jifformaw lega opaka . Dan il-kisi huwa maħsub għal sottostrat tal-injam, tal-metall jew tal-plastik. Din is-subkategorija tinkludi *undercoast* u *intermediate coatings*;

e) 'vernić tat-*trim* u *woodstains* ta' ġewwa / ta' barra' tfisser kisi maħsub għal applikazjoni fuq *trim* u li jifforma lega trasparenti jew semi-trasparenti għad-dekorazzjoni u protezzjoni ta' l-injam, metall u plastik. Din is-subkategorija tinkludi *woodstains* opaki. *Woodstains* opaki tfisser kisi li jifforma lega

mhux trasparenti għat-tiżjijn u protezzjoni ta' l-injam, kontra l-elementi, kif imfisser f' EN 927-1, fil-kategorija semi-stabbli;

f) *'minimal build woodstains'* tfisser *woodstains* li, skond EN 927-1:1996, għandhom ħxuna medja ta' anqas minn 5µm meta ttestjat skond ISO 2808: 1997, metodu 5A;

g) *'primers'* tfisser kisi li jkollhom elementi li jissiġillaw u/jew jibblokkaw, maħsuba għall-użu fuq injam jew ħitan u soqfa;

h) '*binding primers*' tfisser kisi maħsub sabiex jgħaqqad il-partiċelli maħlula tas-sottostrat jew jagħti propjetajiet idrofobiċi u/jew jipproteġi l-injam kontra l-*blue stain*;

i) *'one-pack performance coatings'* tfisser *performance coatings* li huma bbażati fuq materjal li jifforma lega *l.* Dawn huma maħsuba sabiex jiġu applikati għall-użu speċjali, bħal *primer* u *topcoats* għall-plastik, *primer coat* għal sottostrat tal-ħadid, *primer coat* għal *metalli reattivi* bħaż-żingu u l-aluminju, *anticorrosion finishes,* kisi ta' pavimenti, kemm dawk ta' l-injam kif ukoll tal-konkos, *graffiti resistance, flame retardant,* u *standards* ta' l-iġjene fi stabillimenti ta'l-ikel jew tax-xorb jew servizzi tas-saħħa *;*

j) '*two-pack performance coatings*' tfisser kisi għall-istess użu ta' *one-performance coatings,* li pero' jkollu komponent ieħor (e.ż. *tertiary amines*) miżjud qabel l-użu;

k) '*multicoloured coatings*' tfisser kisi maħsub sabiex jipproduċi effett ta'kulur doppju jew multiplu dritt wara l-ewwel applikazzjoni;

l) 'kisi dekorattiv' tfisser kisi maħsuba biex jagħtu effetti estetiċi partikulari fuq *base coats* jew sottostrati miżbugħin minn qabel li ġew ippreparati apposta , u li wara ġew ttrattati b'għodda varji waqt il-proċess ta' l-inxif.

2. Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, 'prodotti ta' rifinitura tal-vetturi' tfisser prodotti mniżżla fis-subkategoriji hawn taħt . Dawn jintużaw għall-kisi ta' vetturi tat-triq kif imfisser fil-*Motor Vehicles (EC Type Approval) Regulations*,*2002* (A.L. 95 ta' l-2002) jew parti minnhom waqt it-tiswija, konservazzjoni jew dekorazzjoni ta' vettura li ssir barra stabbilimenti tal-manifattura.

2.1. Subkategoriji:

a) 'preparatorju u tindif ' tfisser prodotti maħsuba biex ineħħu, mekkanikament jew permezz ta' kimiċi, kisi antik u sadid, jew sabiex jipprovdu bażi għal kisi ġdid:

(i) prodotti preparatorji jinkludu *gunwash* (prodott maħsub għat-tindif ta' *spray-guns* u għodda oħra), prodotti li jqaxxru ż-żebgħa, *degreasers* (li jinkludu tipi *anti-static* għall-plastik) u prodotti li jneħħu s-*silcone*;

(ii) '*precleaner*' tfisser prodott ta' tindif maħsub biex ineħħi kontaminazzjoni tal-wiċċ waqt il-preparazzjoni u qabel l-applikazzjoni ta' materjal tal-kisi;

b) '*Bodyfiller/stopper*' tfisser kompositi densi maħsuba biex jintużaw sabiex jimlew l-imperfezzjonijiet fondi fil-wiċċ qabel ma jiġi applikat is-*surfacer*/*filler*;

c) ‘*primer*’ tfisser kull kisi maħsub għall-applikazzjoni fuq metall għeri jew fuq finituri eżistenti biex jipproteġi kontra l-korrużjoni qabel ma jiġi applikat il-*primer surfacer*:

(i) ‘*surfacer/filler*’ tfisser kisja maħsuba biex tiġi applikata eżatt qabel l-applikazzjoni tat-*topcoat* biex tipprevjeni il-korrużjoni , tiżgura li t-*topcoat* jeħel sew , u tgħin sabiex il-wiċċ ikun aktar uniformi billi timla l-imperfezzjonijiet minuri tal-wiċċ;

(ii) ‘*general metal primer*’ tfisser kisja maħsuba biex tiġi applikata bħala *primers,* bħal *adhesion promoters*, *sealers*, *surfacers*, *undercoats*, *plastic primers*, *wet-on-wet*, *non-sand fillers* u *spray fillers*;

(iii) ‘*wash primer*’ tfisser kisi li fih mill-inqas 0,5% bħala piż ta’ aċidu fosforiku u li hu maħsub għall-applikazzjoni diretta fuq uċuħ ta’ metal għeri biex jipproteġi kontra l-korrużjoni u biex jiprovdi adeżjoni ; kisi użat bħala *weldable primers*; u *mordant solutions* għall-uċuħ galvanizzati u taż-żingu;

d) ‘*topcoat*’ tfisser kull *pigmented coating* li hu maħsub biex jiġi applikat bħala bażi ta’ lega waħda jew aktar biex jipprovdi gloss u durabilita’. Jinkludi il-prodotti kollha involuti bħal *base coatings* u *clear coatings*:

(i) ‘*base coatings*’ tfisser *pigmented coatings* maħsuba sabiex jipproduċu kulur u kull effett viżiv mixtieq, basta mhux *gloss* jew resistenza tal-wiċċ tas-sistema ta’ kisi;

(ii) ‘*clear coating’* tfisser kisi trasparenti maħsub biex jipprovdi il-*gloss* finali u jagħti kwalitajiet ta’ reżistenza tas-sistema ta’kisi*;*

e) ‘finituri speċjali’ tfisser kisi maħsub għall-applikazzjoni bħala *topcoats* li jeħtieġu elementi speċjali, bħal *metallic* jew effett ta’ perla, f’lega waħda, *high-performance solid-colour* u kisi trasparenti (eż. *anti-scratch* u *fluorinted clear-coat*), *reflective base coat* , *texture finishes (eż. hammer), anti-slip, under-body sealers, anti-chip coatings, interior finishes;* u *aerosols*.

ANNESS II

A. KONTENUT MASSIMU TAL- KOV FIŻ- ŻEBGĦA U FIL-VERNIĊ (VALURI LIMITU)

	Subkategorija tal-Prodott	Tip *Type*	Fażi I (g/l (*)) (minn 1.1.2007)	Fażi II(g/l (*)) (minn 1.1.2010)
a	Ħitan ta' ġewwa u soqfa matti (*Gloss* < 25 @ 60º)	WB	75	30
		SB	400	30
b	Ħitan ta' ġewwa u soqfa *glossy* (*Gloss* > 25 @ 60º)	WB	150	100
		SB	400	100
ċ	Ħitan ta' barra b'sottostrat minerali	WB	75	40
		SB	450	430
d	Żebgħa ta' ġewwa/ ta' barra għal *trim* u *cladding* ta'injam u metall	WB	150	130
		SB	400	300
e	Verniċ għal *trim* u *woodstains* ta' ġewwa / ta' barra, inkluż *woodstains* opâki	WB	150	130
		SB	500	400
f	*Minimal build woodstains* ta' ġewwa / ta' barra	WB	150	130
		SB	700	700
g	*Primers*	WB	50	30
		SB	450	350
h	*Binding Primers*	WB	50	30
		SB	750	750
i	*One-pack performance coatings*	WB	140	140
		SB	600	500
j	*Two-pack performance coatings* reattivi għal użu speċifiku aħħari bħall-ippavimentar	WB	140	140
		SB	550	500
k	*Multicoloured Coatings*	WB	150	100
		SB	400	100
l	Kisi dekorattiv	WB	300	200
		SB	500	200

(*) g/l ta' prodott lest għall-użu.

B. KONTENUT MASSIMU TAL-KOV GĦAL PRODOTTI TA' RIFINITURA TAL-VETTURI (VALURI LIMITU)

	Subkategorija tal-Prodott	Kisi	KOV g/l (*) (1.1.2007)
a	Preparatorji u tindif	Preparatorji	850
		Pre-cleaner	200
b	*Bodyfiller/stopper*	Kull tip	250
ċ	*Primer*	*Surfacer/filler* u *primer* ġenerali (metall)	540
		Wash primer	780
d	*Topcoat*	Kull tip	420
e	Finituri speċjali	Kull tip	840

(*) g/l ta' prodott lest għall-użu. Ħlief għal subkategorija (a) m'għandux jitqies ebda kontenut ta' ilma li jkun jinsab fil-prodott tajjeb għall-użu mal-ewwel.

ANNESS III

METODI LI HEMM REFERENZA GĦALIHOM F'REGOLAMENT 3.2

Parametri	*Unit*	*Test*	
		Metodu	Data tal-pubblikazzjoni
Kontenut KOV	g/l	ISO 11890-2	2002
Kontenut KOV meta jkun hemm dilwenti reattivi presenti	g/l	ASTM D 2369	2003